MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 315/2012

**AB**
**vs**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta :

Illi l-partijiet izzewgu nhar it-28 ta' April 1990 minn liema zwieg twieldu tlett itfal u cioe X li twieldet fl-1990, Y fl-1993 u Z fl-1996;

Illi l-partijiet finalment isseparaw b'kuntratt ta' separazzjoni tat-30 ta' Novembru 2004 skond l-anness kuntratt Dok A;

Illi ma hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom separati mill-2004 illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi l-manteniment hu regolat skond il-kuntratt ta' separazzjoni b'dan illi ir-ragel ihallas lill-mara s-somma ta' €430.93 kull erba' gimghat ghaliha u ghal uliedha;

Illi dawn il-fatti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skond l-Artiklu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati fi zmien imholli ghalhekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Gunju, 2012;
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom isseparati b'kuntratt ta' separazzjoni datat 30 ta' Novembru, 2004;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ir-rikorrenti ihallas regolarment il-manteniment lill-mara u lill-ulied minuri skond it-termini stipulati fil-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien

xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------